C/2025/5002

11.9.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12064 — STRABAG / WTE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5002)

1. Fit-2 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara rinviju skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— STRABAG AG ("STRABAG", il-Ġermanja), ikkontrollata minn STRABAG SE (l-Awstrija),

— WTE Wassertechnik GmbH ("WTE", il-Ġermanja), ikkontrollata minn EVN AG (l-Awstrija).

STRABAG se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' WTE kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— STRABAG hija involuta fl-oqsma kollha tal-industrija tal-kostruzzjoni u l-katina tal-valur kollha tal-kostruzzjoni mill-ippjanar u d-disinn sal-kostruzzjoni, l-operat u l-ġestjoni tal-faċilitajiet sal-iżvilupp mill-ġdid jew it-twaqqigħ,

— WTE hija involuta fin-negozju tal-ippjanar, l-inġinerija, l-akkwist u l-kostruzzjoni, kif ukoll l-operat u l-manutenzjoni u l-finanzjament ta' impjanti għall-provvista tal-ilma, ir-rimi u t-trattament tal-ilma mormi, kif ukoll l-inċinerazzjoni u l-użu tal-ħama termali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12064 — STRABAG / WTE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË